MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 449/2012

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Awwissu 1985 gewwa l-knisja ta' Saint Patrick's Tas-Sliema. Kopja tac-certifikat taz-zwieg qed jigi anness u mmarkat Dokument A.

Illi min dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe` H D li twieldet nhar it-13 ta' Gunju 1995 u li ghalhekk ghadha minorenni u S D li twieled nhar is-16 ta' Jannar 1991 u li

illum huwa maggjorenni. Certifikati tat-twelid qed jigu annessi u mmarkati Dok. B u Dok. C rispettivament.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-sena elfejn u erbgha (2004) u dan ai termini ta' Kuntratt ta' Separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard datat it-tmienja ta' Ottubru elfejn u erbgha (08/10/2004). Kopja tal-Kuntratt qed jigi anness u mmarkat Dokument B.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom snin mifrudin u illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi ai termini tal-Artikolu 2f tal-Kuntratt ta' Separazzjoni, il-partijiet ftehmu li bhala manteniment ghall-minuri, l-intimat ihallas is-somma ta' Euro 465.87 (ekwivalenti ghal 200 Liri Maltin) u cioe` mitejn u tnejn u tletin u tlieta u disghin centezmu ghal kull wild*. In piu` ai termini* ta' l-Artikolu 2g, spejjez ta' edukazzjoni tal-minuri u ai termini ta' l-Artikolu 2h, l-intimat obbliga ruhu li jhallas nofs l-ispejjez medici li ma jkunux koperti mill-Polza ta' l-Assikurazzjoni mahruga mill-mara oltre elf u mija u erbgha u sittin euro u tmienja u sittin centezmu ekwivalenti ghal hames mitt lira Maltin) hwejjeg ghall-minuri.

Illi r-rikorrenti tikkonferma illi l-intimat ottempera ruhu ma' l-obbligi tal-kuntratt.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall ta' zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Settembru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi dikjarat mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separate mit-8 ta’ Ottubru 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi l-intimat dejjem ihallas il-manteniment dovut skond il-kuntratt ta’ separazzjoni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------